

Brussell, 19 ta' Ġunju 2026
(OR. en)

10163/26

Fajl Interistituzzjonali:
2025/0239 (COD)

LIMITE

COH 104
SOC 343
SAN 421
FIN 819
CADREFIN 267
POLGEN 153
CODEC 1096

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	11769/25
Suġġett:	Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Fond Soċjali Ewropew bħala parti mill-Pjan ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali stabbilit fir-Regolament (UE) [il-Pjan SNR] li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet għall-implimentazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni għal impjiegi ta' kwalità, ħiliet u inklużjoni soċjali għall-perjodu mill-2028 sal-2034 <i>- Approċċ ġenerali parzjali</i>

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż it-test ta' kompromess dwar il-proposta ta' hawn fuq ippreżentata biex jintlaħaq approċċ ġenerali parzjali, bl-esklużjoni tal-elementi fil-parentesi. Il-bidliet għat-test tal-proposta tal-Kummissjoni (id-dokument 11769/25) huma mmarkati b'**tipa grassa** għaż-żidiet u [...] għat-tħassir.

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

[...]dwar il-Fond Soċjali Ewropew bħala parti mill-[...]Fond stabbilit fir-Regolament (UE) [...]ir-Regolament PSNR] u li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet għall-implimentazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni għal impjiegi ta' kwalità, ħiliet u inklużjoni soċjali [...]mill-2028 sal-2034

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 164[...] u **t-tielet paragrafu tal-Artikolu[...]****175** tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Komitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Komitat tar-Regġuni

Filwaqt li jaġixxu f'konformità mal-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

- (1) Fis-17 ta' Novembru 2017, il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali ġie pproklammat b'mod konġunt mill-Parlament Ewropew, mill-Kunsill u mill-Kummissjoni b'ħala rispons għall-isfidi soċjali fl-Ewropa. [...] Fl-4 ta' Marzu 2021, il-Kummissjoni ressqet Pjan ta' Azzjoni għall-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali [...], inkluż miri ewlenin ambizzjużi iżda realistiċi tal-Unjoni għall-2030 dwar l-impjiegi (li mill-inqas 78 % tal-popolazzjoni ta' bejn l-20 u l-64 sena jenħtieġ li jkunu impjegati), il-ħiliet (li mill-inqas 60 % tal-adulti kollha jenħtieġ li jipparteċipaw f'taħriġ kull sena) u t-tnaqqis tal-faqar (jenħtieġ li jkun hemm mill-inqas 15-il miljun persuna inqas f'riskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali, fosthom ħames miljun tifel u tifla [...]) u sottomiri komplementari, kif ukoll Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali riveduta. Biex jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, l-FSE jenħtieġ li jappoġġa l-investimenti fin-nies u r-riformi tas-sistemi fl-oqsma ta' politika tal-impjiegi, l-educazzjoni u l-inklużjoni soċjali, u b'hekk jappoġġa l-koeżjoni ekonomika, territorjali u soċjali f'konformità mal-Artikolu 174 tat-Trattat **dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).**

- (2) Il-linji gwida għall-politiki dwar l-impjieg tal-Istati Membri, kif previst fl-Artikolu 148(2) [...] **TFUE ("il-linji gwida dwar l-impjieg")**, adottati kull sena mill-Kunsill fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, huma strument ewlieni għall-koordinazzjoni tal-politiki tal-impjieg u soċjali tal-Unjoni u dawk nazzjonali. [...] **Il-linji gwida dwar l-impjieg** jipprovdu prijoritajiet u miri komuni għall-impjieg, l-edukazzjoni, il-ħiliet u l-politiki soċjali bl-għan li tittejjeb il-kompetittività tal-Unjoni u biex l-Unjoni sir post aħjar għall-investment, il-ħolqien tal-impjieg u t-trawwim tal-koeżjoni soċjali. L-FSE huwa l-istrument ewlieni tal-Unjoni għall-appoġġ tal-linji gwida dwar l-impjieg u għall-kisba tal-oġettivi tal-Unjoni fil-politiki tal-impjieg u dawk soċjali. Il-linji gwida dwar l-impjieg jikkomplementaw il-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. F'dan il-kuntest, jenħtieġ li [...] d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) ...¹ [Linji gwida dwar l-impjieg adottati mill-Kunsill sa mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2027] **tintuża biex tinforma l-programmazzjoni tal-FSE [għall-2028 sal-2034]**.
- (3) Fil-livell tal-Unjoni, is-Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika huwa l-qafas li jidentifika [...] l-prijoritajiet ta' riformi **rilevanti** u li jimmonitorja l-implimentazzjoni tagħhom [...]. Dak il-qafas jenħtieġ li jkun il-bażi għall-użu tal-finanzjament tal-Unjoni b'mod koerenti, inkluż bil-ħsieb li jiġi massimizzat il-valur miżjud tal-appoġġ finanzjarju li għandu jiġi riċevut.
- (4) L-Unjoni qed tiffaċċa sfidi strutturali li jirriżultaw mill-globalizzazzjoni ekonomika, ktajjen tal-provvista vulnerabbli, il-ġestjoni tal-flussi migratorji u ż-żieda fit-theddid għas-sigurtà [...] **u theddid ibridu kkawżati mill-gwerer fil-fruntieri tal-UE, b'mod partikolari l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna**, it-tranżizzjoni għal enerġija nadifa [...] u t-tranżizzjoni diġitali, it-tibdil teknoloġiku u t-tibdil demografiku, forza tax-xogħol li qed tixjieħ, **inugwaljanzi soċjali, differenza konsiderevoli bejn il-ġeneri fl-impjieg**, nuqqas ta' akkomodazzjoni soċjali **u affordabbli, faqar, inkluż il-faqar fost it-tfal** u nuqqas dejjem akbar ta' ħiliet u ħaddiema f'ħafna setturi u reġjuni, **b'impatt speċjali fuq l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs)**.

¹ Daħħal ir-referenza tal-pubblikazzjoni

- (5) [...]
- (6) [...] Barra minn hekk [...], xi reġjuni huma affettwati minn sehem żgħir u staġnat tal-popolazzjoni b'edukazzjoni terzjarja, li jagħmilha diffiċli li t-telf ta' ħaddiema jiġi kkumpensat permezz ta' produttività tax-xogħol ogħla. [...] **Għaldaqstant, jenħtieġ li l-Unjoni [...] tħejji għall-isfidi attwali u futuri billi tinvesti f'ħiliet rilevanti, billi tagħmel it-tkabbir aktar inklużiv u billi tappoġġa** żieda [...] **tal-parteċipazzjoni fis-suq** [...] tax-xogħol [...] speċjalment fost in-nisa [...], iż-żgħażaġh [...] **u** persuni b'diżabbiltà, [...] **u b'hekk tindirizza d-disparità bejn il-ġeneri u tappoġġa bilanċ** san bejn ix-xogħol u l-ħajja privata[...].

- (7) Fid-29 ta' Jannar 2025, il-Kummissjoni ppreżentat [...] **il-komunikazzjoni tagħha intitolata "Boxxla għall-Kompetittività[...] għall-UE", u fis-26 ta' Frar 2025, il-Kummissjoni adottat il-Komunikazzjoni tagħha intitolata "Il-Patt għal Industrija Nadifa[...]: Pjan direzzjonali konġunt għall-kompetittività u d-dekarbonizzazzjoni".** Fid-dawl ta' dawn l-inizjattivi, huwa vitali li jiġi rikonoxxut ir-rwol kritiku tal-[...] ħliet [...] **fl-iżgurar** tal-kompetittività [...] **u fl-iffaċilitar ta' tranżizzjoni b'suċċess u ġusta għal futur** [...] **industrijali aktar kompetittiv**[...] **fl-Unjoni** [...].
- (8) [...]

- (9) L-Unjoni tal-Ħiliet għandha l-għan li tappoġġa l-iżvilupp ta' sistemi ta' edukazzjoni, taħriġ u ħiliet ta' kwalità, inklużivi u adattabbli biex jiżdiedu l-kompetittività, it-tnejjija, is-sigurtà u d-demokrazija tal-Unjoni. Għalhekk, f'konformità mal-Unjoni tal-Ħiliet, jenħtieġ li l-Unjoni tiżgura finanzjament suffiċjenti biex tibni pedamenti sodi tal-ħiliet u tippromwovi opportunitajiet ta' titjib tal-ħiliet u taħriġ mill-ġdid tul il-ħajja u orjentati lejn il-futur għal kulħadd, b'mod partikolari biex tindirizza l-isfidi **tat-tranżizzjoni diġitali, inkluż dik xprunta mill-intelliġenza artifiċjali u t-tranżizzjoni [...]** ekoloġika [...]. Dan ser jikkontribwixxi[...] **b'mod partikolari** għall-ħiliet diġitali u teknoloġiji abilitanti essenzjali iżda wkoll[...] ħiliet li jappoġġaw is-setturi emerġenti, bil-ħsieb li **jippermettu** li [...]n-nies **jiksbu** ħiliet aġġustati għad-diġitalizzazzjoni, għall-bidliet xprunati mit-teknoloġija u l-innovazzjoni, u għall-bidla soċjali u ekonomika, **inaqqsu wkoll is-segregazzjoni tal-ġeneri fis-suq tax-xogħol**, jiffaċilitaw it-tranżizzjonijiet u l-mobbiltà professjonali[...], u jappoġġaw b'mod partikolari **lil [...]persuni** b'livell baxx ta' ħiliet jew bi [...]kwalifiki **baxxi**[...]. F'konformità mal-Unjoni tal-Ħiliet, l-isfidi tat-tranżizzjoni diġitali u dik ekoloġika jeħtieġ li jiġu indirizzati permezz tat-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid tal-ħaddiema, u l-allinjament tal-edukazzjoni u **t-taħriġ mal-ħtiġijiet**[...] tas-suq [...] **tax-xogħol**.
- (10) [Ir-Regolament (UE) [...]]ir-Regolament **PSNR**] jistabbilixxi r-regoli ġenerali dwar il-[...] **Pjanijiet** ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali (il-[...] **Pjanijiet** SNR") u jistabbilixxi, b'mod partikolari, l-oġettivi li għandhom jiġu appoġġati mill-Pjanijiet **SNR** [...] u r-regoli dwar it-tnejjija, l-implimentazzjoni, il-ġestjoni[...], il-kontroll u **l-awditu** ta' dawn il-Pjanijiet. L-FSE huwa wieħed mill-fondi preallokati nazzjonalment raggruppat taħt il-[...] **Pjanijiet** SNR, f'konformità mar-Regolament (UE) [...] [[...]Ir-Regolament **PSNR**]. Għalhekk huwa meħtieġ li jiġi ċċarat il-kamp ta' applikazzjoni tal-appoġġ tal-FSE fir-rigward tal-oġettivi stabbiliti [...]fir-Regolament **PSNR** u li jiġu stabbiliti dispożizzjonijiet speċifiċi dwar l-implimentazzjoni tal-FSE.]

(11) [...]

(12) [Sabiex jissaħħu s-soċjetajiet tal-Ewropa u l-mudell Soċjali tal-Ewropa, jenħtiegħ li l-Istati Membri jallokaw ammont minimu ta' riżorsi taħt il-Pjanijiet **SNR** [...] tagħhom adottati f'konformità mar-Regolament (UE) [...]ir-Regolament **PSNR**] għall-FSE]. In-natura diversa u s-severità tal-isfidi soċjoekonomiċi differenti [...]bejn l-Istati Membri **u fi ħdanhom** jeħtieġu approċċ aktar flessibbli għall-programmazzjoni [...], **b'kont meħud tad-disparitajiet soċjali [...] u l-isfidi li jiffaċċaw l-Istati Membri, filwaqt li bl-istess mod jiġi żgurat li l-Istati Membri [...] jallokaw riżorsi għall-miżuri li jindirizzaw sfidi soċjali ewlenin fil-livell tal-Unjoni[...], notevolment l-impjieġ taż-żgħażaġh, appoġġ għall-persuni l-aktar fil-bżonn, il-faqar fost it-tfal u l-inklużjoni [...]** soċjali.

- (13) Jenħtiegħ li l-FSE jappoġġa l-impjiegi, **inkluż l-impjiegi indipendenti**, aċċess ugwali għal kulħadd għas-suq tax-xogħol, kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti u ta' kwalità u l-mobbiltà tal-forza tax-xogħol. Jenħtiegħ li l-FSE jappoġġa lill-Istati Membri biex lill-**persuni** [...]qiegħda u inattivi [...] jipprovduhom assistenza effettiva, f'waqtha, koordinata u mfassla apposta [...] li **tikkonsisti minn** appoġġ għat-tfittix ta' impjiegi, taħriġ, titjib tal-ħiliet u taħriġ mill-ġdid u aċċess għal servizzi abilitanti oħra, b'attenzjoni partikolari għal [...] **persuni** f'sitwazzjonijiet vulnerabbli u [...] **persuni** affettwati b'mod negattiv mit-tranżizzjoni diġitali u dik ekoloġika jew minn xokkijiet fis-suq tax-xogħol, kif ukoll **għal** dawk l-aktar imbiegħda mis-suq tax-xogħol. **L-FSE jista' jkompli jagħmel użu mill-potenzjal tal-ekonomija soċjali biex joħloq u jżomm impjiegi ta' kwalità.** Jenħtiegħ li l-FSE jkompli jiffoka fuq il-qgħad fost iż-żgħażaġh u l-kwistjoni ta' żgħażaġh barra mill-edukazzjoni, mill-impjiegi jew mit-taħriġ (NEETs), billi [...] **jipprevjeni** t-tluq bikri mill-edukazzjoni u t-taħriġ, u [...] **jsaħħaħ** it-tranżizzjoni mill-iskola għax-xogħol, inkluż bl-implimentazzjoni sħiħa tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ rinforzata, li jenħtiegħ ukoll li tappoġġa opportunitajiet ta' impjiegi ta' kwalità għaż-żgħażaġh.[...]
- (14) L-FSE jenħtiegħ li jtejjeb il-provvista ta' ħaddiema u jtejjeb l-edukazzjoni u t-taħriġ u l-kisba ta' ħiliet tul il-ħajja. B'mod partikolari, jenħtiegħ li l-FSE jgħin fil-progressjoni fl-edukazzjoni u t-taħriġ u t-tranżizzjoni għax-xogħol, jappoġġa l-apprendiment tul il-ħajja, inkluż l-apprendiment formali, mhux formali u informali li jseħħ fl-istadji kollha tal-ħajja, **ir-rikonoxximent tal-kwalifiki**, u l-impjegabbiltà, u jikkontribwixxi għall-kompetittività u l-innovazzjoni soċjetali u ekonomika billi jappoġġa inizjattivi skalabbli u sostenibbli f'dawn l-oqsma.[...]

- (15) **L-appoġġ permezz tal-FSE jenħtieġ li [...] jintuża biex jippromwovi l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u opportunitajiet indaqs għal kulħadd, jappoġġa l-qiegħ ta' sikurezza soċjali b'saħħithom, irawwem l-inklużjoni soċjali u l-ekwità interġenerazzjonali u jiġġield il-faqar. Jenħtieġ li l-FSE jappoġġa l-isforzi [...] tal-Istati Membri biex jindirizzaw il-faqar, inkluż billi jindirizzaw il-privazzjoni materjali, ħalli jkissru ċ-ċiklu ta' żvantaġġi minn ġenerazzjoni għal oħra, u jippromwovu l-inklużjoni soċjali billi jiżguraw opportunitajiet indaqs għal kulħadd, [...] jiġġieldu d-diskriminazzjoni u jindirizzaw l-inugwaljanzi [...] tas-saħħa. Dan ifisser li tiġi mobilizzata firxa ta' politiki mmirati lejn il-persuni l-aktar żvantaġġati tkun xi tkun l-età tagħhom, fosthom tfal [...] f'riskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali, komunitajiet marġinalizzati bħar-Rom, ċittadini ta' pajjiżi terzi, inkluż [...] migranti, ħaddiema foqra u l-persuni l-aktar fil-bżonn. Jenħtieġ li l-FSE [...] jippromwovi l-inklużjoni attiva ta' persuni mbiegħda mis-suq tax-xogħol bil-ħsieb li tiġi żgurata l-integrazzjoni soċjoekonomika tagħhom. Jenħtieġ li l-FSE jindirizza wkoll [...] il-problema tal-għajxien bla dar, inkluż b'miżuri li jipprevjenu u jtaffu f'konformità mad-Dikjarazzjoni ta' Liżbona dwar il-Pjattaforma Ewropea għall-Ġlieda kontra l-Kundizzjoni ta' Persuni Mingħajr Dar tal-2021.**

- (16) [...] Jenħtieġ li l-FSE [...] **jiffaċilita l-aċċess għas-servizzi**, inkluż billi [...] **jappoġġa l-modernizzazzjoni, id-diġitalizzazzjoni u r-reżiljenza tas-servizzi tal-kura tas-saħħa kif ukoll tal-kura fit-tul. Id-disponibbiltà ta' servizzi affordabbli, sostenibbli u ta' kwalità għolja hija kundizzjoni neċessarja biex jiġu żgurati kundizzjonijiet indaqs [...]u mobbiltà tal-forza tax-xogħol.**[...] Jenħtieġ li l-FSE **jiżgura li kulħadd**, inkluż it-tfal [...]f'konformità mal-Garanzija Ewropea għat-Tfal, **ikollu aċċess għal servizzi essenzjali ta' kwalità tajba. Il-ħtiġijiet speċifiċi tal-persuni b'diżabbiltà, inkluża l-aċċessibbiltà, jenħtieġ li [...] jitqiesu fir-rigward ta' dawk is-servizzi kif ukoll fir-rigward tal-għajxien indipendenti. Jenħtieġ li l-FSE jikkontribwixxi wkoll [...] għall-modernizzazzjoni tas-sistemi tal-protezzjoni [...] soċjali b'mod partikolari biex jiġi promoss l-aċċess għal dawn [...] is-sistemi.**

- (16a) Bejn issa u l-2040, is-suq tax-xogħol tal-Unjoni ser ikun fih madwar miljun persuna inqas kull sena. Fl-istess ħin, l-istennija tal-għomor qed tiżdied. Dan għandu implikazzjonijiet għas-soċjetajiet u s-swieq tax-xogħol tal-Unjoni. Jekk jitqies dan kollu, ser iżid il-pressure fuq is-sistemi tal-benessri soċjali tal-Istati Membri, u b'hekk jagħmel pressure fuq is-sostenibbiltà u l-adegwatezza tagħhom. Ser iwassal ukoll għal domandi differenti fuq is-sistemi tas-saħħa u tal-kura fit-tul, u fuq il-persuni li jaħdmu f'dawk is-setturi. In-nuqqas ta' ħaddiema u ħiliet ser jiżdied, u dan ipogħi pressure fuq it-tkabbir ekonomiku u l-kompetittività. Jenħtieġ li l-FSE jappoġġa l-mitigazzjoni tal-impatt tat-tibdil demografiku permezz ta' approċċi integrati kemm fil-forma ta' riformi ta' politika kif ukoll fil-forma ta' investimenti fil-kapital uman, filwaqt li jqis id-disparitajiet territorjali u r-reġjuni partikolarment milquta mit-tnaqqis demografiku, bħall-gżejjer, żoni remoti u dawk skarsament popolati. Kif enfasizzat fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea dwar ir-reġjuni tal-Lvant tal-UE li jmissu mar-Russja, il-Belarusja jew l-Ukrajna, sfidi bħad-depopolazzjoni, soċjetà li qed tixjeh, densità baxxa tal-popolazzjoni, iż-żamma baxxa taż-żgħażagħ, u n-nuqqas ta' ħaddiema, flimkien ma' sfidi għas-sigurtà, inkluż theddid ibridu u diżinformazzjoni, qed jaffettwaw it-tkabbir u l-prosperità tar-reġjuni tal-fruntiera tal-Lvant.
- (16b) Huwa essenzjali li tiġi appoġġata l-innovazzjoni soċjali bħala mutur tal-konverġenza soċjali 'l fuq. L-innovazzjoni soċjali tista' tinkludi l-proċess kollu tal-innovazzjoni, mill-identifikazzjoni tal-ħtiġijiet soċjali u l-prototipar, segwit mill-ittestjar u l-validazzjoni, sal-iskalar u l-istituzzjonalizzazzjoni finali ta' mudelli ta' suċċess fil-politika pubblika.

- (17) Il-prinċipji tad-demokrazija, l-istat tad-dritt u l-protezzjoni u **t-tisħiħ** tad-drittijiet fundamentali huma valuri [...] **komuni** tal-Unjoni, **kif stipulat fil-preambolu tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (il-"Karta")**. Dawn il-valuri huma fundamentali għal kull persuna, speċjalment għal dawk li huma l-aktar vulnerabbli. Barra minn hekk, huma [...] **essenzjali** għall-implimentazzjoni effettiva tal-FSE. Għalhekk, il-FSE jenħtieġ li jappoġġa wkoll il-promozzjoni u l-implimentazzjoni ta' dawn il-valuri għal kulħadd. **Jenħtieġ li** l-FSE [...] jkompli jindirizza wkoll id-drittijiet tal-persuni b'diżabbiltà kif minquxa fil-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabbiltà. **Jenħtieġ li** [...] jiżgura wkoll koerenza mal-Unjoni tal-Ugwaljanza u l-**istrateġiji** relatati [...] tagħha li għandhom l-għan li [...] **jiġġieldu** d-diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess, l-oriġini razzjali jew etnika, ir-reliġjon jew it-twelmin, id-diżabbiltà, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali u jiżgura l-koeżjoni soċjali billi jsostni u jiżviluppa soċjetajiet miftuħa, ibbażati fuq id-drittijiet fundamentali, demokratiċi, ugwali u inklużivi bbażati fuq l-istat tad-dritt. **Jenħtieġ li l-FSE jappoġġa wkoll miżuri li jiġġieldu l-vjolenza abbażi tal-ġeneru, inkluż permezz ta' miżuri preventivi.**
- (18) Ir-Regolament (UE) [...]ir-Regolament **PSNR**] jirrikjedi li l-Istati Membri jirrispettaw il-prinċipji orizzontali fit-tnejn u l-implimentazzjoni tal-Pjanijiet [...] **SNR**. F'dan il-kuntest, jenħtieġ li l-Istati Membri jiġu mħeġġa wkoll jużaw l-FSE biex [...] **jappoġġaw** azzjonijiet immirati biex jippromwovu prinċipji orizzontali bħall- [...]ugwaljanza bejn il-ġeneri [...], **in-nondiskriminazzjoni**, [...]l-aċċessibbiltà tas-servizzi għall-**persuni** b'diżabbiltà, u l-**parteċipazzjoni attiva ta'** [...]persuni b'diżabbiltà [...].

- (19) **Fir-rigward tal-[...]ipproċessar ta' data personali fil-qafas ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-kontrolluri tad-data nazzjonali jwettqu l-kompiti tagħhom għall-finijiet ta' dan ir-Regolament f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/679^{tal-...}Parlament Ewropew u tal-Kunsill². Id-dinjità u l-privatezza tal-persuni l-aktar fil-bżonn li jirċievu ikel u/jew assistenza materjali bażika jenħtieġ li [...]jkunu garantiti. Sabiex tiġi evitata kwalunkwe stigmatizzazzjoni, u f'konformità mar-rekwiżiti tar-Regolament (UE) [ir-Regolament PSNR] u tar-Regolament (UE) [ir-Regolament dwar il-Prestazzjoni], jenħtieġ li persuni li jirċievu ikel u/jew assistenza materjali bażika ma jkunux meħtieġa jidentifikaw lilhom infushom meta jirċievu appoġġ, sakemm dan ma jkunx neċessarju.**
- (20) [...]
- (21) [...]

² Ir-Regolament (EU) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

- (22) [...]
- (23) Għal implimentazzjoni effiċjenti u effettiva tal-azzjonijiet appoġġati mill-FSE hemm bżonn governanza tajba u sħubija bejn l-atturi kollha fil-livelli territorjali rilevanti u l-atturi soċjoekonomiċi, b'mod partikolari s-sħab soċjali u s-soċjetà ċivili. Għalhekk huwa essenzjali li l-Istati Membri jħeġġu l-parteċipazzjoni tas-sħab soċjali u tas-soċjetà ċivili fl-implimentazzjoni tal-FSE. Jenħtieġ li l-Istati Membri li rċevew rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż f'dan il-qasam [...] jippromwovu l-bini tal-kapaċità tas-sħab soċjali u tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili.[...] **Jenħtieġ li l-FSE jappoġġa l-modernizzazzjoni tas-suq tax-xogħol, l-edukazzjoni u l-istituzzjonijiet u s-servizzi soċjali u tas-saħħa.**
- (24) Filwaqt li jitqiesu l-karatteristiċi u r-restrizzjonijiet speċjali tar-reġjuni ultraperiferiċi, **f'konformità mal-Artikolu 349 TFUE**, l-Istati Membri jenħtieġ li jinkludu fil-Kapitolu tagħhom għar-reġjuni ultraperiferiċi [...] miżuri għat-titjib tal-impjiegi u l-mobbiltà tal-forza tax-xogħol, [...] l-edukazzjoni u l-ħiliet, **u l-inklużjoni soċjali, inkluż permezz ta' miżuri ta' mobbiltà.**

- (25) Peress li l-[...] **objettivi** ta' dan ir-Regolament, jiġifieri li titjeb l-effikaċja tas-swieq tax-xogħol u jiġi promoss aċċess għal impjiegi ta' kwalità, jitjiebu l-aċċess u l-kwalità tal-educazzjoni u t-taħriġ, jiġu promossi l-inklużjoni soċjali u s-saħħa u jonqos il-faqar ma jistgħux jinkisbu biżżejjed mill-Istati Membri, iżda pjuttost jistgħu jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkisbu [...] **dawk l-objettivi**.
- (25a) **Sabiex tiġi żgurata l-kontinwità fl-għoti ta' appoġġ u tkun tista' ssir implimentazzjoni koerenti u f'waqtha mill-bidu tal-qafas finanzjarju pluriennali bejn l-2028 u l-2034, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ b'urġenza fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*,**

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Suġġett

- (1) [Dan ir-Regolament jistabbilixxi kundizzjonijiet speċifiċi għall-implimentazzjoni tal-Fond Soċjali Ewropew għall-perjodu ta' programmazzjoni 2028-2034 bħala parti mill-appoġġ tal-Unjoni f'konformità mal-oġġettivi ġenerali stabbiliti fl-Artikolu 2 tar-Regolament XX [ir-Regolament dwar il-Pjan SNR], u b'mod partikolari l-punt (b) u (e) tiegħu.
- (2) Dan l-appoġġ tal-Unjoni għandu jiġi pprovdut fil-qafas tal-Pjan ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali, f'konformità mar-regoli stabbiliti fir-Regolament (UE) [...] [**ir-Regolament PSNR**].]

Artikolu 2

Appoġġ mill-FSE

- (1) Il-Fond Soċjali Ewropew (FSE) għandu jappoġġa l-oġġettivi speċifiċi **rilevanti** stabbiliti fl-Artikolu 3(1), u b'mod partikolari l-punti (c)(i) sa (c)(v) u l-punt (e)(i) tiegħu, tar-Regolament [...] (UE) [...]ir-Regolament PSNR].
- (2) [...]Għall-finijiet tal-Artikolu 2, il-punt (b) tar-Regolament [...] (UE) [**ir-Regolament PSNR**], l-użu tal-FSE mill-Istati Membri għandu, fejn rilevanti, ikun ibbażat fuq il-linji gwida għall-politiki dwar l-impjiegi tal-Istati Membri, kif previst fl-Artikolu [...] **148(2) TFUE**, stabbiliti [...]fid-Deċiżjoni (UE) xxxx [Linji gwida dwar l-impjiegi adottati mill-Kunsill sa mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2027].

Artikolu 3
Definizzjonijiet

Għall-iskopijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (1) "innovazzjoni soċjali" tfisser azzjoni, li hija soċjali kemm fir-rigward tal-finijiet tagħha kif ukoll tal-mezzi tagħha u b'mod partikolari azzjoni relatata mal-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' ideat ġodda li jikkonċernaw prodotti, servizzi, Prattiki u mudelli li fl-istess ħin tissodisfa l-ħtiġijiet jew sfidi soċjali u toħloq relazzjonijiet jew kollaborazzjonijiet soċjali ġodda bejn organizzazzjonijiet pubbliċi, tas-soċjetà ċivili jew privati, biex b'hekk jagħmlu l-ġid fis-soċjetà u jixprunaw il-kapaċità tagħha li taġixxi;**
- (2) "persuni l-aktar fil-bżonn" tfisser persuni fiżiċi, kemm jekk individwi, familji, unitajiet domestiċi jew gruppi ta' persuni, inkluż tfal f'sitwazzjonijiet vulnerabbli u persuni mingħajr dar, li l-bżonn tagħhom għall-assistenza ġie stabbilit skont il-kriterji oġġettivi li huma stabbiliti mill-awtoritajiet kompetenti, b'konsultazzjoni mal-partijiet konċernati rilevanti, u li jistgħu jinkludu elementi li jippermettu li jiġu mmirati persuni l-aktar fil-bżonn f'ċerti żoni ġeografiċi.**
- (3) "assistenza materjali bażika" tfisser oġġetti li jissodisfaw il-ħtiġijiet bażiċi ta' persuna għal ħajja dinjituża, bħal ħwejjeġ, oġġetti tal-iġjene, inkluż prodotti tal-iġjene tan-nisa, u materjal tal-iskola;**
- (4) "miżura ta' akkumpanjament" tfisser azzjoni pprovduta flimkien mad-distribuzzjoni tal-ikel u/jew ta' assistenza materjali bażika bl-għan li tiġi indirizzata l-esklużjoni soċjali u li tikkontribwixxi biex jinqered il-faqar, bħar-riferimenti lil servizzi soċjali u tas-saħħa jew l-għoti tagħhom, inkluż appoġġ psikoloġiku, jew l-għoti ta' informazzjoni rilevanti dwar is-servizzi pubbliċi jew pariri dwar il-ġestjoni tal-baġit tal-unitajiet domestiċi;**

Artikolu 4

Innovazzjoni soċjali

- (1) **L-Istati Membri jistgħu jappoġġaw** l-innovazzjoni soċjali [...] fl-oqsma li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-FSE, b'mod partikolari bl-għan tal-ittestjar, l-evalwazzjoni u t-titjib ta' soluzzjonijiet innovattivi, inkluż fil-livell lokali jew reġjonali, sabiex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet soċjali fi sħubija mas-sħab rilevanti [...], **inkluż l-awtoritajiet pubbliċi, is-sħab soċjali, l-entitajiet tal-ekonomija soċjali, is-settur privat u s-soċjetà ċivili.**
- (2) Il-Kummissjoni għandha tuża l-assistenza teknika fuq inizjattiva tagħha stess, f'konformità mal-Artikolu 12 tar-Regolament (UE) [...]ir-Regolament **PSNR**] biex tiffaċilita l-bini tal-kapaċità għall-innovazzjoni soċjali, b'mod partikolari permezz tal-appoġġ għall-apprendiment reċiproku, **l-involvement** fil-kooperazzjoni tranżnazzjonali, l-istabbiliment ta' networks, u d-disseminazzjoni u l-promozzjoni ta' prattiki u metodoloġiji tajbin.

Artikolu 5

Appoġġ għat-tibdil [...] demografiku

L-Istati Membri u r-reġjuni [...] **jistgħu** jistabbilixxu approċċ integrat biex jindirizzaw l-isfidi li jirriżultaw minn [...] **bidla** [...] demografika f'kapitolu ddedikat wieħed jew aktar tal-Pjan ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali.

Appoġġ [...]għall-persuni l-aktar fil-bżonn

- (1) L-Istati Membri [...]għandhom jipprovdu appoġġ **lill-persuni l-aktar fil-bżonn** biex jindirizzaw il-privazzjoni materjali permezz tad-distribuzzjoni ta' ikel [...] **u/jew ta' assistenza materjali bażika jew permezz ta' attivitajiet ta' inklużjoni soċjali mmirati lejn l-integrazzjoni soċjali tal-persuni l-aktar fil-bżonn. L-appoġġ fil-forma ta' distribuzzjoni tal-ikel u/jew assistenza materjali bażika għandu jkun konformi mal-liġi tal-Unjoni dwar is-sikurezza tal-prodotti għall-konsumatur. L-appoġġ għall-persuni l-aktar fil-bżonn għandu jkun addizzjonali għal kwalunkwe benefiċċju soċjali li jista' jingħata mis-sistemi soċjali nazzjonali jew f'konformità mad-dritt nazzjonali.**
- (2) L-Istati Membri u l-benefiċjarji għandhom jagħżlu l-għajjnuna alimentari u/jew materjali bażika abbażi ta' kriterji oġġettivi relatati mal-ħtiġijiet tal-persuni l-aktar fil-bżonn. Il-kriterji tal-għażla għall-ikel, u meta xieraq għall-[...] **assistenza materjali bażika**, għandhom iqisu wkoll aspetti relatati mal-klima u ambjentali, sabiex jiżguraw tranżizzjoni ekoloġika ekwa u ġusta[...]. Fejn xieraq, l-għażla tat-tip ta' ikel li jrid jitqassam għandha ssir wara li jitqies il-kontribut tagħhom għal dieta bilanċjata tal-persuni l-aktar fil-bżonn. L-ikel u/jew l-assistenza materjali bażika jistgħu jingħataw direttament lill-persuni l-aktar fil-bżonn jew indirettament, pereżempju, permezz ta' vawċers jew kards, f'forma elettronika jew f'forma oħra, dment li dawn ikunu jistgħu jissarrfu f'ikel u/jew assistenza materjali bażika.[...]
- (3) Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-għajjnuna mogħtija fil-qafas tal-appoġġ li jindirizza d-deprivazzjoni materjali tkun tirrispetta d-dinjità u tevita l-istigmatizzazzjoni tal-persuni l-aktar fil-bżonn. **Il-persuni l-aktar fil-bżonn għandhom jiġu esklużi mill-kontrolli u l-awditjar, għajr jekk il-valutazzjoni tar-riskju tistabbilixxi riskju speċifiku ta' irregolarità jew frodi.**

- (4) L-Istati Membri għandhom jikkomplementaw id-[...] **distribuzzjoni** tal-ikel u/jew tal-assistenza materjali bażika billi **jieħdu** miżuri ta' akkumpanjament [...].

L-ewwel subparagrafu[...] ma għandux japplika meta [...] **t-teħid** ta' tali miżuri ma jkunx possibbli, [...] **pereżempju**, meta l-appoġġ jingħata b'rispons għal sitwazzjoni ta' emerġenza bħal diżastru naturali.

- (5) [...]Fejn xieraq,[...] u f'konformità mar-rekwiżiti tar-Regolament (UE) [ir-Regolament PSNR] u mar-Regolament (UE) [ir-Regolament dwar il-Prestazzjoni], jista' jingħata appoġġ biex tiġi indirizzata l-privazzjoni materjali mingħajr ma jkun meħtieġ li l-persuni l-aktar fil-bżonn [...] jiġu identifikati **fil-post tal-kunsinna**, jekk din l-identifikazzjoni ma tkunx neċessarja.

Artikolu 7

Sħubija

L-Istati Membri għandhom jiżguraw parteċipazzjoni sinifikanti tas-sħab soċjali u tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fl-għoti ta' appoġġ għal politiki ta' kwalità dwar l-impjiegi, l-educazzjoni u [...] **t-taħriġ** u l-inklużjoni soċjali f'konformità mal-Artikolu 6 tar-Regolament XX [[...]ir-Regolament PSNR].

Kumitat stabbilit skont l-Artikolu 163 TFUE

- (1) Il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-Kumitat stabbilit skont l-Artikolu 163 TFUE ("il-Kumitat tal-FSE") fir-rigward tal-appoġġ previst għall-**[...]objettivi speċifiċi** msemmija fl-Artikolu 3(1) [...] **il-punti (c)(i) sa (c)(v) u l-punt (e)(i) tiegħu**, tar-Regolament [...] (UE) **[ir-Regolament PSNR]**.
- (2) Kull Stat Membru għandu jaħtar rappreżentant wieħed tal-gvern, rappreżentant wieħed tal-organizzazzjonijiet tal-ħaddiema, rappreżentant wieħed tal-organizzazzjonijiet tal-impjegaturi u supplent wieħed għal kull membru għal perjodu massimu ta' seba' snin. Fin-nuqqas ta' xi membru, is-supplent għandu jkun intitolat awtomatikament li jieħu sehem fil-proċedimenti. Il-Kumitat **tal-FSE** għandu wkoll jinkludi rappreżentant wieħed minn kull **organizzazzjoni** li tirrappreżenta lill-organizzazzjonijiet tal-ħaddiema u lill-organizzazzjonijiet tal-impjegaturi fil-livell tal-Unjoni. **Il-Kumitat tal-FSE, inkluż il-gruppi ta' ħidma tiegħu, jista' jistieden rappreżentanti tal-partijiet ikkonċernati mingħajr vot jattendu l-laqgħat tiegħu. Dan jista' jinkludi rappreżentanti tal-Bank Ewropew tal-Investment u l-Fond Ewropew tal-Investment kif ukoll organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili rilevanti.**
- (3) Il-Kumitat **tal-FSE** jista' jagħti opinjonijiet dwar[...]:
 - (a) **kwistjonijiet rigward l-implimentazzjoni tal-FSE;**
 - (b) **kwistjonijiet relatati mal-kontribuzzjoni tal-FSE għall-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, inkluż rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż u prijoritajiet relatati mas-Semestru Ewropew;**
 - (c) **kwistjonijiet li jikkonċernaw ir-Regolament (UE) [ir-Regolament PSNR] rilevanti għall-FSE.**

L-opinjonijiet tal-Kumitat tal-FSE għandhom jiġu adottati b'maġġoranza assoluta tal-voti mitfugħa b'mod validu, u għandhom jiġu kkomunikati lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, għall-informazzjoni.

Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Kumitat tal-FSE bil-miktub dwar kif tkun qieset l-opinjonijiet tiegħu.

Artikolu 9

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-[...]jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mid-data tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE) [...] li jistabbilixxi l-Pjan ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali għall-perjodu 2028-2034.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President